**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' Jannar, 2018**

**Rikors nru: 354/2012 MLF**

**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**vs.**

**Alastair Shipping Limited**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tal-Awtorita attrici fejn talbet li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' disat elef u hamsa u disghin Euro (€ 9,095) [skont l-*istatement of account* anness bhala "Dok A" mar-rikors promotur], dovuta minnha lill-Awtorita' attrici fi drittijiet ghal bastiment qieghed ["*laid up dues*"] imposta ai termini tal-Kapitolu 352, Ligijiet ta' Malta fuq il-bastiment "MV Mecklenburg", li hija halliet qieghed fil-portijiet ta' Malta.

L-Awtorita attrici ippremettiet illi minkejja illi Alastair Shipping Limited giet notifikata illi qed jigu imposti dawn id-drittijiet, hija naqset illi tottompera ruhha mad-direzzjonijiet tal-Awtorita', u naqset ukoll illi thallas il-*laid up dues* imposti, anke wara li giet imwissija taghmel dan b'ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Artiklu 166A tal-Kap 12. L-ammont dovut baqa' jizdied, u l-ammont prezentement mitlub ikopri s-somma li kienet ghadha pendenti sad-data tal-*istatement*.

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji relattivi ghal din it-talba, inkluz tal-ittra ufficjali imsemmija, kif ukoll bl-imghax legali applikabbli skont il-ligi, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv.

Rat li s-socjeta konvenuta debitament notifikata naqset milli tipprezenta risposta, anke wara li inghatat il-fakolta minn din il-Qorti biex taghmel dan. Pero fis-seduta tal-10 ta' April 2013, deher rapprezentant tas-socjeta konvenuta assistit mill-avukat difensur tal-istess socjeta, li vverbalizza li s-socjeta intimata *"qieghda tikkontesta din il-kawza fost l-ohrajn ghaliex jghid li l-Awtorita kienet intrabtet li timponi rata differenti ghall-uzu tal-berths in kwistjoni u li ma jaqbilx li huma imponibbli r-rati li a bazi taghhom saret din il-kawza."*

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati mill-Awtorita attrici;

Rat li s-socjeta konvenuta, minkejja li inghatat diversi differimenti sabiex tressaq il-provi taghha, la deheret hi, u lanqas l-avukat difensur taghha, u in vista ta' dan in-nuqqas ta' interess tas-socjeta konvenuta f'dawn il-proceduri, fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2015, din il-Qorti iddikjarat il-provi tas-socjeta konvenuta maghluqa.

Ghalkemm din il-Qorti tat liz-zewg partijiet il-fakolta li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub, din in-nota giet ipprezetata biss mill-Awtorita attrici. Pero il-Qorti tordna li din in-nota tal-Awtorita attrici tigi sfilzata, stante li ma gietx ipprezentata bil-visto jew notifika tal-avukat difensur tas-socjeta konvenuta, kif din il-Qorti ordnat fid-digriet taghha moghti fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2016.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri ma gewx effettivament ikkontestati, u huma senjatement is-segwenti:

1. Fis-16 t'Awwissu 2010, is-socjeta konvenuta xtrat il-bastiment MV Mecklenburg, il-bastiment mertu ta' dawn il-proceduri, minghand is-socjeta Island Ferry Three Company Limited, permezz ta' subbasta taht l-awtorita tal-Qorti.

2. Peress li s-socjeta konvenuta ma uzatx dan il-bastiment regolarment, u hallietu qieghed fil-port. Ghaldaqstant, l-Awtorita qieset dan il-bastiment bhala *"bastiment qieghed"* ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 352 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement skattaw id-drittijiet ghal bastimenti qieghda (*laid up dues*) favur l-Awtorita attrici, skond ir-rati stabbiliti fit-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Port (L.S. 499.04).

3. F'dawn il-proceduri, l-Awtorita attrici qieghda titlob drittijiet ghal bastiment qieghed. L-ewwel invoice hija datata 23 ta' Settembru 2010 u l-ahhar invoice 9 ta' Ottubru 2012. Din l-ahhar invoice tkopri l-perjodu bejn is-17 ta' Settembru 2012 sat-30 ta' Settembru 2010. L-ammont intjier pretiz fl-invoices jammonta ghas-somma ta' €9,095.00.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Dawn il-fatti, li jirrizultaw mill-provi prodotti mill-Awtorita attrici, ma gewx kontestati mis-socjeta konvenuta. Fil-verbal tieghu tal-10 ta' April 2013, id-difensur tas-socjeta konvenuta ivverbalizza li l-istess socjeta kienet qed tikkontesta din il-kawza ghaliex:

1. *"l-Awtorita kienet intrabtet li timponi rata differenti ghall-uzu tal-berths in kwistjoni"* u
2. *"ma jaqbilx li huma imponibbli r-rati li a bazi taghhom saret din il-kawza"*.

Rigward l-ewwel oggezzjoni, il-Qorti tirrileva li fl-ewwel lok is-socjeta konvenuta ma gabet l-ebda prova tal-allegazzjoni taghha li l-Awtorita kienet intrabtet li timponi rati differenti. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss dan kien veru, tali ftehim ma jistghax ikun legalment validu, ghax l-Awtorita ma tistghax timponi rati differenti minn dawk preskritti mil-ligi.

Rigward it-tieni oggezzjoni, is-socjeta konvenuta bl-ebda mod ma ippruvat tispjega ghaliex ir-rati li uzat l-Awtorita attrici ma kienux r-rati li l-istess Awtorita kellha tuza skond il-ligi, u wisq inqas indikat liema rati l-Awtorita attrici kienet legalment marbuta li tuza.

Ir-rati ghad-drittijiet tal-bastiment qieghed in kwistjoni gew konfermati bil-gurament minn Dottor Robert Vassallo, Legislation and Compliance Manager fi hdan id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting tal-Awtorita attrici, billi kkonferma l-istatement ezebit mar-rikors promotur. Huwa ikkonferma wkoll bil-gurament li s-socjeta konvenuta ma hallset xejn mill-ammont pretiz mill-Awtorita attrici f'dawn il-proceduri.

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma tezisti l-ebda raguni valida ghalfejn din il-Qorti ghandha tiskarta x-xhieda u l-provi prodotti mill-Awtorita attrici, li *del resto* ma gew bl-ebda mod kontradetti permezz ta' provi mis-socjeta konvenuta.

Konsegwentement, l-ammont pretiz mill-Awtorita attrici gie debitament ippruvat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, tilqa' t-talba tal-Awtorita attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-Awtorita attrici, s-somma ta' disat elef u hamsa u disghin Euro (€9,095), bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji relattivi ghal din it-talba, inkluz ta' l-ittra ufficjali mahruga taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll bl-imghax legali applikabbli skond il-ligi, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv.

**Maġistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Reġistratur**